



30.7.2014

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 1274/2013, imressqa minn Luis Cayo Perez Bueno, ta' ċittadinanza Spanjola, f'isem il-kumitat CERMI, dwar diskriminazzjoni kontra passiġġieri b'diżabbiltà minn linji tal-ajru, u r-Regolament (KE) Nru 1107/2006**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjoni ġiet ippreżentata mill-assoċjazzjoni Spanjola CERMI (*Comité español de representantes de personas con discapacidad*).

Din l-assoċjazzjoni tikkundanna d-diskriminazzjoni li sseħħ kontra passiġġieri b'diżabbiltà, minn linji tal-ajru li ħafna drabi ma jippermettux li tali passiġġieri jitilgħu abbord it-titjiriet tagħhom. Hija għalhekk qiegħda titlob ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006.

Skont is-CERMI, dan ir-Regolament fih xi punti diskriminatorji, b'mod partikolari fejn jippermetti li l-linji tal-ajru: jiċċdu imbarkazzjoni lill-persuni b'diżabbiltà għal raġunijiet ta' sigurtà; jitolbu li persuni b'diżabbiltà jkunu akkumpanjati; jistabilixxu limitu ta' żmien għat-talba għal assistenza fl-ajruport. Is-CERMI targumenta li r-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 għandha tkun ibbażata fuq il-leġiżlazzjoni tal-Istati Uniti, li allegatament tippoteġi d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà b'mod effettiv.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-3 ta' April 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Lulju 2014

L-għan u l-iskop preċiżi tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru, huma li jipproteġu lil dawn il-passiġġieri mid-diskriminazzjoni u jippermettulhom li jivvjaġġaw bl-ajru fuq livell ugwali mal-passiġġieri l-oħra. Wara l-impenn tal-Kummissjoni fir-rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 ta' April 2011 (COM(2011)166) u sabiex titjeb aktar l-applikazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni ppubblikat, f'Ġunju 2012, linji gwida interpretattivi sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni għall-fornituri tat-trasport bl-ajru u għall-passiġġieri b'diżabbiltà<sup>1</sup>. Dawn il-linji gwida ġew abbozzati b'kooperazzjoni mal-partijiet interessati u b'mod partikolari mar-rappreżentanti tal-persuni b'diżabbiltà (il-Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà) li approvawhom bis-sħiħ. Skont id-dejta tal-istatistika pprovduta lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-infurzar tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 (NEBs), in-numru ta' lmenti dwar problemi bl-applikazzjoni tar-Regolament huwa globalment baxx ħafna.

Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament, il-passiġġieri ma għandhomx jiġu rifjutati mill-prenotazzjoni jew l-imbarkazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà jew ta' mobbiltà mnaqqsa. L-Artikolu 4 tar-Regolament jipprovdi għad-derogi taħt ċerti ċirkostanzi mid-dritt għat-trasport, b'mod partikolari "*sabiex jiġu sodisfatti rekwiżiti ta' sigurtà applikabbli stabbiliti mil-liġi internazzjonali, Komunitarja jew nazzjonali jew sabiex jiġu sodisfatti rekwiżiti ta' sigurtà stabbiliti mill-awtorità li ħarġet iċ-ċertifikat ta' operatur tal-ajru lit-trasportatur bl-ajru konċernat*". Isegwi, li r-rekwiżiti ta' sigurtà huma definiti mill-awtoritajiet esterni (u mhux mit-trasportaturi bl-ajru) u huma mmirati li jiżguraw is-sigurtà tal-passiġġieri u l-persunal kollha abbord l-inġenju tal-ajru. Is-supremazija tas-sigurtà għandha tkun fl-interess tal-passiġġieri b'diżabbiltà u tal-persuni li qed jivvjaġġaw magħhom.

It-trasportaturi bl-ajru Amerikani huma ugwalment soġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' sigurtà (ara d-Dipartiment tat-Trasport tal-Istati Uniti, 14 CFR Parti 382, Nondiskriminazzjoni fuq il-Bażi ta' Diżabbiltà fl-Ivvjaġġar bl-Ajru, l-§ 382.3 dwar l-Aplikabbiltà, il-punt (d): "*F'din il-parti xejn ma għandu jawtorizza jew jobbliga trasportatur ma jikkonformax ma' kwalunkwe regolament tas-sigurtà applikabbli tal-FAA*" u l-§ 382.31 Rifjut ta' trasport, il-punt (d): "*Il-persunal tat-trasportatur [...] jista' jirrifjuta li jipprovdi trasport lil kwalunkwe passiġġier fuq il-bażi ta' sigurtà ...*")".

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-persuni li jakkumpanjaw, ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 jispeċifika skont l-Artikolu 4 (2), li dawn huma meħtieġa biss li jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli. Il-linji gwida interpretattivi msemmija hawn fuq jipprovdu aktar spjega dwar din il-kwistjoni taħt Q5, billi jinsistu dwar il-ħtieġa li l-inkarigati għandhom jissodisfaw biss ir-rekwiżiti tas-sigurtà applikabbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, f'dawn il-linji gwida, tirrakkomanda li jekk it-trasportaturi bl-ajru jeħtieġu li persuni b'diżabbiltà jivvjaġġaw akkumpanjati, dawn l-inkarigati għandhom jiġu offruti li jivvjaġġaw b'xejn jew b'rata mnaqqsa.

Rekwiżiti simili jeżistu skont il-leġiżlazzjoni tal-Istati Uniti msemmija hawn fuq, l-§ 382.35

---

<sup>1</sup> SWD (2012) 171 finali [http://ec.europa.eu/transport/themes/passengers/air/doc/prm/2012-06-11-swd-2012-171\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/transport/themes/passengers/air/doc/prm/2012-06-11-swd-2012-171_en.pdf)

dwar l-Inkarigati, il-punt (b), li jistabbilixxi li t-trasportaturi jistgħu jeħtieġu li persuna b'diżabbiltà tivvjaġġa ma' inkarigat jekk dan huwa meħtieġ għal raġunijiet ta' sigurtà.

Pre-notifika tal-ħtieġa ta' assistenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006, l-Artikolu 7(1) hija element essenzjali fil-katina ta' servizz sabiex tippermetti lill-fornituri tat-trasport bl-ajru biex jippreparaw b'mod xieraq u biex jipprovdu l-assistenza meħtieġa taħt l-aqwa ċirkostanzi possibbli, li huwa fl-interess tal-passiġġier li jeħtieġ assistenza meta qiegħed jivvjaġġa. Ir-Regolament, madankollu, jipprovdi wkoll għal assistenza adegwata fil-każijiet fejn ma tkun ingħatat l-ebda pre-notifika skont l-Artikolu 7 (3) li jispeċifika li meta ma tingħata l-ebda notifika *“il-korp ta' tmexxija [tal-ajruport] għandu jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha li jista' sabiex jipprovdi [...] l-assistenza”* sabiex jippermetti lill-passiġġieri biex itiru. Dan il-kunċett ta' *“sforzi raġonevoli”* huwa spjegat aktar fi Q7 tal-linji gwida interpretattivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-mezzi għall-pre-notifika matul il-proċess tal-prenotazzjoni (websajt, telefon) kif ukoll tal-fatt li pre-notifika għandha dejjem tkun possibbli mingħajr spejjeż addizzjonali.

Il-leġislazzjoni tal-Istati Uniti skont l-§ 382.33 tispeċifika wkoll ir-rekwiżit għal notifika avvanzata f'numru ta' sitwazzjonijiet, b'mod partikolari meta siġġu tar-roti elettriku jew oġġetti perikolużi oħra (pereżempju batteriji, ossiġenu, eċċ.) għandhom jinġarru, fejn siġġu tar-roti abbord huwa meħtieġ jew fejn gruppi ta' passiġġieri b'diżabbiltà qed jivvjaġġaw flimkien.

### Konklużjoni

Il-Kummissjoni, attwalment, ma tarax il-ħtieġa ta' reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 fit-terminu qasir jew medju għal dawn ir-raġunijiet:

- Skont id-dejta disponibbli, in-NEBs jirċievu biss ftit ilmenti dwar il-funzjonament ħażin tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006.
- Minflok ma jitqies diskriminatorju, ir-Regolament kif ukoll il-linji gwida interpretattivi tal-2012 kienu milqugħa - b'mod partikolari mir-rappreżentanti Ewropej tal-organizzazzjonijiet tad-diżabbiltà - bħala pass 'il quddiem sabiex itejbu l-esperjenza tal-ivvjaġġar għall-persuni b'diżabbiltà u sabiex jippermettulhom li jużaw it-trasport bl-ajru fuq livell ugwali mal-passiġġieri l-oħra.
- Il-leġislazzjoni tal-Istati Uniti, li l-petizzjonant jirreferi għaliha bħala eżempju tal-aqwa Prattika, tispeċifika rekwiżiti simili bħal ma jeżistu fil-leġislazzjoni tal-UE attwalment fis-seħħ.